REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1268

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott fl-għamla ta' żibeġ tax-xemgħa bojod fini b'dijametru ta' madwar 1 mm, miksub miż-żejt tal-palm raffinat. Il-prodott jikkonsisti minn: — stearina tal-palm idroġenata iebsa; — stearina tal-palm mhux idroġenata iebsa; — aġent ottiku li jdawwal (madwar 0,01 % f'piż). L-istearina tal-palm miksuba miż-żejt tal-palm hija soġġetta għall-frazzjonament f'diversi stadji u l-istearina iebsa (frazzjoni solida) hija separata mill-istearina ratba. Imbagħad, parti mill-istearina iebsa hija soġġetta għal proċess ta' idroġenazzjoni, u titħallat mal-parti mhux idroġenata tal-istearina iebsa u ma' aġent ottiku li jdawwal. Sussegwentement, il-prodott miksub għandu jiġi soġġett għal proċess ta' bdil f'żibeġ. Il-prodott jixbah lix-xemgħa u jintuża bħala materja prima għall-manifattura tax-xemgħat. Il-punt meta jinħall huwa 59,2 °C ± 0,5 °C u l-viskożità mkejla b'viskometru li jdur ma taqbiżx l-10 Pa.s f'temperatura ta' 10 °C 'il fuq mill-punt meta jinħall. Il-prodott huwa ppakkjat f'boroż ta' 25 kg.	3404 90 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 5, it-tieni paragrafu, l-ittra (a) il-Kapitolu 34 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 3404 u 3404 90 00. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1516 hija esklużа peress li l-prodott huwa taħlita ta' stearina iebsa idrogenata u stearina iebsa mhux idroġenata. Il-prodott ġie ppreparat lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 1516 u la huwa żejt u lanqas xaħam. Barra minn hekk, il-preżenza ta' aġent ottiku li jdawwal teskludi l-prodott mill-intestatura 1516. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1517 hija esklużа peress li l-prodott mhux taħlita jew preparazzjoni li tista' tittiekel koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tal-intestatura 1517. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1521 hija esklużа peress li l-prodott huwa prinċipalment magħmul minn stearina tal-palm li hija trigliċerid. F'konformità man-Nota 5, l-ewwel paragrafu, l-ittra (a), tal-Kapitolu 34, prodotti organiċi maħdumin kimikament b'karatteristika ta' xemgħa, idubux jew le fl-ilma, jaqgħu taħt l-intestatura 3404. Il-prodott jissodisfa l-kriterju ta' xemgħa artifiċjali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 3404, l-ittra A). Għaldaqstant il-prodott għandu jiġi kklassifikat fil-Kodiċi tan-NM 3404 90 00 bħala xemgħat artifiċjali u xemgħat preparati oħra.